# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2748

Każ numru 3542/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn
Gilbert Scerri
(K I – 464977M)

u

Malta Freeport Terminals Ltd
(C-27581)

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM**

**Illum : 19 ta' Lulju, 2021**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentata minn Gilbert Scerri lit-Tribunal Industrijali nhar is-16 ta' Marzu, 2017, kif ukoll f'dikjarazzjoni tal-stess Gilbert Scerri datata 26 ta' April, 2017 fejn isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta), u kwindi jikkundanna lil Malta Freeport Terminals Ltd taċċetta lill-esponent lura għax-xogħol u jordna li r-rikorrent jingħata kumpens ġust.

Min-naħa tal-Malta Freeport Terminal Ltd, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata 20 ta' April 2017, tesponi li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg ta' Gilbert Scerri kienet ġusta u valida fil-Liġi u b'hekk m'għandux jerġa' jidħol jaħdem mal-Malta Freeport Terminals Ltd.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mill-partijiet, kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

**3.**

Is-Sur Gilbert Scerri li minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent ser ikun rappreżentat mill-Avv. Dr. Abigail Critien.

Il-Malta Freeport Terminals Ltd li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata ser tkun rappreżentata mill-Avv. Joe Zammit Maempel, mgħejjun minn Joanna Calleja ghall-Malta Freeport Terminals Ltd

**4. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata fil-25 ta' Mejju, 2009, fuq bażi full time bħal Equipment Operator.
Ir-rikorrent wara li ġie affaċċat b'akkużi dwar żewġ allegati inċidenti separati, ġie sospiż fuq l-ewwel inċident kif ukoll minħabba t-tieni inċident huwa ġie tterminat mill-impjieg.
Ir-rikkorent deher quddiem Bord ta' Dixxiplina u wara li nstab ħati, huwa appella mid-deċiżjoni quddiem Bord ta' Appelli tal-istess soċjetà intimata, fejn l-apppell tiegħu ġie miċħud u ġiet ikkonfermata id-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, fejn ġie deċiż li l-impjieg tiegħu jiġi tterminat .

**5. Il-lista ta' xhieda:**

**5.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent lista annetta mad-dikjarazzjoni tal-każ.

**5.2** Xhieda mressqa mis-soċjetà intimata skont il-lista anetta mar-risposta kif preżentata.

**6. Il-lista ta' dokumenti:**

**6.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti min-naħa tar-rikorrent : GSX 1; GSX 2; GSX 3:GSX 4.

**6.2** Gew ippreżenatati numru ta' dokumenti min-naħa tas-soċjetà intimata mmarkati Doc A1 sa Doc A45 inkluż; Dok JA X1:JAX2. Ritratti tnax (12) relattati mat-tieni inċident. Dok X2

**7. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**Paul Borg ( Senior Operator trainer); Tyron Ellul (Inginier):**
**Paul Borg:** Ikkonferma li r-rikorrent kien għadda mill-proċeduri tas-sigurtà u emerġenza.
**Tyron Ellul:** Ikkonferma li t-taħriġ jibda minn vann truck u jibqa' sejjer sal-RTG.

Fix-xhieda tagħhom jikkonfermaw li l-RTG kien iċertifikat tajjeb għall-operat tiegħu, kif ukoll li kull operatur tal-inġenji huwa mgħarraf li meta jinqala' xi ħaġa fl-inġenji dawn għandhom iwaqqfu immedjatament l-operazzjoni u jikkomunikaw biss mas-sezzjoni tal-inġinerija.

Ġie kkonfermat " L-RTG inaqqas l-ispeed meta l-operatur imexxi l-joystick lejn in-neutral l-RTG u dan jieqaf f'għoxrin pied, u li jekk tintuża l-buttuna tal-alarm l-RTG jieqaf f'għaxar piedi. (Rif xhieda Seduta 16/11/2020); (Rif xhieda Sed 13/05/2019 paġ 3).

**Stephen Spiteri:** Operatur tal-inġenji u li kien ilu li telaq mis-soċjetà initmata aktar minn sentejn ikkonferma li *"Mhux l-ewwel darba li l-wire joħroġ minnha din is-sheave. Inti tgħajjat lill-engineering, jiċċekkjaw il-wire jekk inqarasx.*
***"*__________________*ikollok tgħajjat lill-engineering bilfors*__________*u jaraw jekk il-wire inqarasx jew ġiex periklu li jista' jinqala'* _______*"*
**"** *Għandek buttuna fuq il-monitor mingħalija F5 tagħfasha, biex il-control room jindunaw li l-krejn wieqaf*". (Rif Sed 2/12/2019 paġ 2;3).

**Gilbert Scerri:** għall-mistoqsija tal-Avv Abigail Critien jekk wara l -bord ta' dixxiplina kienx sar appell.
*" Emminni ma niftakarx. Però ma jidhirlix. Jista' jkun li sar appell."*
Ma mortx waħdek ??
" *Le dażgur mal-Union*". (Rif Sed 22/07/2019 paġ 11)

Meta mistoqsi mill-Avv J. Zammit Maempel jekk kienx talabhom biex ikejlu il-ħofra qal li ma qalilhomx u l-anqas mar ikejjilha hu (Rif Sed 04/11/2019 paġ 11)

**8. Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Dr Zammit Maempel:** għas-soċjeta' intimata fit -trattazzjoni tiegħu, reġa' rrefera li r-rikorrent kien tressaq quddiem bord ta' dixxiplina fuq żewġ inċidenti fejn hu ġie mixli b'negligenza, l-ewwel wieħed kien meta l-wires tal-RTG ħarġu minn ġox-sheave wara li l-container ma ġiex stivat kif suppost, ir-rikorrent ipprova għal aktar minn darba jimmanuvra l-krejn minflok li mexa ma' dak li kien imħarreġ għalih fil-programm ta' taħriġ, iġifieri li jwaqqaf il-krejn u jgħajjat minnufih lil tas-sezzjoni tal-engineering sabiex jiġu huma u jirranġaw is-sitwazzjoni hi x'inhi. L-Avv. Z.M irrefera għall-video li kien mgħoti lill- partijiet kollha fejn dan juri x'ġara fil-ħin tal-inċident.

L-Avv. J.Z.M irrefera għax-xhud imressaq mir-rikorrent fejn dan qal li hu stess kellu inċident simili u l-istess ġie sospiż però qal ukoll li incidenti simili huma xi ħaġa ta' spiss, ta' kuljum. Għamel riferenza għax-xhieda meta ntqal *" le, le,le, jieqfu, jieqfu l-ħin kollu".* Għaldaqstant l-Avv. J.Z.M staqsa jiġifieri dawn il-ħin kollu qegħdin jissewwew ?

Fir-rigward tat-tieni inċident l-Avv. J. Z.M. spjega li rrefera għax-xhieda tar-rikkorent meta kien semma li l-inċident ġie ikkaġunat sar minhabba toqba li kien hemm fl-art li wara li din ġiet imkejjla, instab li din kienet fonda żewġ ċentimetri (2 cms). L-Avv. J. Z.M. sostna li toqba ta' żewġ ċentimetri (2cms) l-anqas karozza mhi ser tħoss l-impatt, meta fl-istess ħin l-RTG kien miexi b'veloċità ta' seba kilometri fis-siegħa (7kms/hr).

Jingħad li żewġ persuni flimkien ma' inġinier għamlu prova simili u sabu li dan ma setax iseħħ u l-anqas ma setgħet kienet din it-toqba li minħabba fiha r-rikorrent tilef il-kontrol tal-vettura (RTG), meta aktar u aktar ir-rota tal-RTG fiha ħames piedi (5 piedi) dijametru.

Il-punt li sostna l-Avv. J.Z.M. kien li d-devjazzjoni li kien għamel l-RTG, minn bejn il-linji gwida, kienet tali li bdiet hafna aktar qabel mal-RTG wasal fuq it-toqba.

L-Avv. J.Z.M. argumenta li saħħa s-soċejtà ma tistax tfittex għall-ispejjeż persuna li tagħmel ħsara fil-propjetà tagħha, iżda min-naħa l-oħra ma tistax tagħtih premju ħalli tkompli tagħmilli l-ħsara. Bniedem li għamilli tnejn u sittin elf ewro (€62,000) ħsara mhuwiex raġel li għandu jkun hemm ġew, inkella rrefera għall-għażla li l-Freeport tibdel it-tattika u tibda tfittex lill-impjegati għad-danni.

L-Avv. J.Z.M. fl-aħħar kumment irrefera għall-collective agreement, u rrifera għaż-żewġ impjegati l-oħra fejn qal li l-ħsara fl-inċidenti li kienu involuti fihom kienu ta' ħsara anqas minn dawk li għamel ir-rikorrent, kif ukoll li il-każ tar-rikorrent kien wieħed ripetittiv.

L-Avv. Abigail Critien: għar-rikorrent fit-trattazzjoni tagħha ġibdet l-attenzjoni tat-Tribunal fir-rigward ta' l-inammisibilità tal-istorja tal-impjieg tar-rikorrent, u li t-Tribunal għandu jitratta biss iż-żewg każi li veru sfortunatament kienu viċin xulxin. L-Avv. A. C. li s-soċjetà intimata kellha tipprova li kien hemm xi forma ta' negligenza hi tistaqsi jekk kienx hemm prova ta' numru ta' sitwazzjonijiet (Rif trattazzjoni) . L-Avv A.C. irreferiet għax-xhud (is-Sur Spiteri) li dan qal li kif l-RTG jaqbeż ftit metri jekk jieħdok m'għandekx way ta' kif iżommu, konsegwentament ir-rikorrent tar minn fuq is-siġġu jiġifieri sposta ruħu. L-Avv. A.C ġabet l-argument li jekk ir-rikorent ġie mkeċċi x'missa għamlet mas-Sur Spiteri jew ma' Mario, impjegat ieħor li ssemma mis-sur-Spiteri, li kienu ukoll għamlu ħsara fil-makkinarju tas-soċjetà intimata, u li meta intalbet l-istorja tal-impieg ta' Mario din ingħatat waħda li tkopri mill-2015 'il quddiem u għalhekk ma setgħetx tagħmel paragun.

L-Avv. Abigail Critien iffokat fuq l-aħħar żewġ inċidenti li hi tirreferi bħala wieħed żgħir u wieħed ftit ikbar u targumenta li għar-raġuni li r-rikorrent ma għajjatx lin-nies id-danni kienu akbar għaldaqstant hu ġie imkeċċi, u dan minħabba raġuni li hu mhux tal-klikka u mhux *on the good books* tas-soċjetà.

L-Avv. A.C isostni li dan kien inċident li seta' jkollu kulħadd għax minħabba n-nuqqas ta' manteniment tal-art l-RTG meta ssib ostaklu jitlaq u finalment jeħel l-impjegat.

L-Avv. A.C. ikkonkludiet li hi ssottomettiet nota ta' kumpens li fuqha għandu jiġi kkalkulat il-kumpens wara lir-rikorrent jinstab li ġie mkeċċi inġustament.

## 8 Kunsiderazzjoniji tat-Tribunal:

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu jinnota b'serjetà kbira li r-rikorrent kellu żewġ inċidenti ta' purtatat kbira fi żmien għaxart ijiem fejn filwaqt li l-ewwel wieħed kien jimmerita sospensjoni, kif ukoll twissija finali kwalifikata b'aċċenn ċar li jekk kemm-il darba jkollu inċident ieħor ir-rikorrent seta' jitlef l-impjieg. (Ftehim kollettiv). Ġaladarba t-tieni aċċident sar fi żmien qasir, għaldaqstant ir-rikorrent poġġa lilu nnifsu fir-riskju serju li jiġi tterminat mill-impjieg, u dan dejjem skont il-ftehim kollettiv.

It-tribunal mingħajr ma tefa' piż żejjed fir-rigward tal-inċidenti passati li kellu r-rikorrent waqt il-ħajja lavorattiva tiegħu, ma setax ma jiħux konjizzjoni tat-taħriġ li kien ingħata u l-esperjenza li kien kiseb ir-rikorrent u li dan wassal sabiex ir-rikorrent kien mitqies bħala persuna kompetenti sabiex hu seta' jopera fuq kwalità ta' inġenji li fuqhom kellu diversi aċċidenti bl-eventwalita tal-aħħar tnejn f'dan il-każ odjern.

It-Tribunal Industrijali lil hinn mill-ħsara materjali li ġarrbet is-soċjetà intimata, fehem sewwa b'serjetà kbira f'dawn l-inċidenti partikolari l-livell ta' periklu li nħoloq kemm għar-rikorrent innifsu, kif ukoll għall-terzi persuni li setgħu kienu viċin il-post fejn seħħew. Dan, għat-tribunal kien l-aktar parti inkwetanti għax fit-tip ta' xogħol li kien jaghmel ir-rikorrent ir-riskji ta' aċċidenti huwa wieħed relattivament għoli ħafna "jekk" kemm-il darba persuna bħar-rikorrent li kien imħarreġ, iċċertifikat u b'esperjenza relattivament twila fuq dan il-mestier, ma josservax strettament ir-regolamenti **kollha u għaldaqstant** ir-rikorrent wessa' r-riskju tal-periklu u l-inċident ma baqax fil-kriterju ta' aċċident.

It-Tribunal ikkonferma matul il-perkors tax-xhieda li l-makkinarju (RTG) li kien involut fl-inċident, kien ġie ċċertifikat li huwa tajjeb għax-xogħol mill-inġinier tas-soċjetà intimata, ma kellux ħsarat li setgħu kienu huma il-kaġun tal-inċident. Minn dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjetà intimata permezz ta' ritratti, li fihom intwerew (sinjali ta' gwida għall-RTG; ħofra fl-art, li kienet ta' fond ta' żewġ ċentimetri (2cms), kif ukoll tyres ta' 1.6 metri qisien relattivament ta' miżuri kbar. Minn xhieda mgħotija r-rikorrent kien qiegħed jaħdem ġewwa passaġġ li kien intuża fl-istess perjodu minn numru ta' xufiera oħra u li bħar-rikorrent ħadd minnhom ma kien irraporta li kien hemm xi ħofor perikolużi li minħabba fihom ma setax isir ix-xoghol.

It-Tribunal wasal għal dawn il-konkluzzjonijiet:

(1) Il-fatt li l-vettura (RTG) ħareġ barra sostanzjalment minn bejn il-linji gwida kif murija (Doc A) kumplimentati ma' (Doc B) juri ċar li l-RTG kien ilu miexi barra mil-linji għal tul konsiderevoli u li dan juri li kien hemm nuqqas ta' attenzjoni serja fl-iggwidar tal-vettura minn naħa tar-rikorrent. Dan aktar u aktar li l-veloċità tal-RTG mhijiex waħda għolja.

(2) Fir-ritratt (Doc C) u (Doc D) fejn tintwera r-rota, u f'ritratt (Doc.E) fejn jintwera l-fond tal-ħofra, qiegħed juri biċ-ċar li l-qies tar-rota kemm fil-wisgħa kif ukoll fid-diametru, b'materjal flessibbli tagħha kien joffri għajnuna li l-istess rota sabiex ma jippermettiex li tiżloka lill-RTG mill-pożizzjoni li kien miexi fiha ta' bejniet il-linji is-sofor .

Kien biss in-nuqqas tal-immaniġġjar tal-RTG minn naħa ta' persuna kompetenti, li mhux biss taf sew il-makkinarju iżda taf sew l-art li jimxi fuqha, kif ukoll l-esperjenza sabiex jimmaniġja l-istess makkinarju fil-ħin propizju li huwa biss setgħa jirretifika d-direzzjoni mhux f'postha li kien miexi fiha.

(3) Mix-xhieda li ngħatat minn diversi uffiċjali tas-soċjetà intimata kif ukoll minn rapporti tekniċi li ġew ippreżentati mis-soċjetà, kien spjegat teknikament li l-vettura kienet qiegħda timxi fil-massimu tal-veloċità tagħha u li r-rikorrent kellu kontroll assolut fuq dan, u li għaldaqstant kien ix-xogħol tar-rikorrent biss li seta' jikkontrolla kemm id-direzzjoni kif ukoll il-veloċità tal-vettura jew essenzjalment iwaqqafha minnufih sabiex jevita l-kollizzjoni mal-bankina kif ukoll mal-pilastru, li l-istess rikorrent ilu jaf li kienu jeżistu fil-passaġġ tax-xogħol tiegħu, għal tul taż-żmien.

(4) It-Tribunal ħa konjizzjoni li r-rikorrent wara l-inċidenti li kellu kien ingħata l-possibiltajiet kollha skont il-ftehim kolletiv fir-rigward tal-proċess dixxiplinarju. Hu ġie mgħoti il-benefiċċju sħiħ għas-smigħ ġust kif ukoll id-dritt għall-appell mill-ewwel deċiżjoni.

(5) It-Tribunal innota mix-xhieda mgħotija waqt il-proċess, li r-rikorrent, fl-ewwel inċident, ma segwiex ir-regolamenti tas-soċjetà meta ma waqqafx l-operazzjoni immedjatament u kif obbligat li kellu jagħmel u jirraporta lil min kien responsabbli, u dan għar-raġuni biss li sostna li ma kienx jaf bir-regolament wara seba' snin ta' esperjenza, kif ukoll fit-tieni inċident, ma ħax il-miżuri neċessarji fil-ħin sabiex jipprova jevita jew jimminimizza l-inċident mill-gravita tiegħu, meta dan kien jaf kif inaqqas il-veloċità kif ukoll iwaqqaf l-RTG permezz ta' buttuna tal-emerġenza. Dawn huma affarijiet bażiċi u importanti li jaqgħu fil-kompetenzi primarji ta' operaturi ta' inġenji ta' tali kwalità. Dan kien anke kkonfermat mix-xhud li ressaq l-istess rikorrent li kkonferma li wieħed għandu jwaqqaf kollox u jinforma lil tal-engineering, kif ukoll li l-operatur għandu joqgħod attent il-ħin kollu li jara li l-RTG miexi bejn il-linji u li dan tista' ġġibu f'postu f'tul ta' bejn 5 jew 6 piedi kif ukoll li jekk tuża l-buttuna tal-emerġenza l-RTG jieqaf sudden brake.

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, ma setax ma iwiezinx il-parti tar-riskju perikoluż, li daħħal lilu nnifsu fih ir-rikorrent meta f'xogħol li jirrikjedi attenzjoni kontinwa, fl-operat tal-makkinarju li kellu fir-responsabilità tiegħu, u li dan ma kienx xi ħaġa li ma setax jiġi evitat li kieku r-rikorrent uża t-taħriġ u l-esperjenza twila li kellu fuq dan ix-xogħol. Ir-rikorrent kellu xhieda leġġera ħafna fir-risposti li ngħataw minnu, persuna ta' aktar minn seba' snin ta' esperjenza fuq dan ix-xogħol. It-Tribunal innota li għal diversi drabi x-xhud fir-risposti tiegħu wera nuqqas ta' memorja għal diversi drabi u dan għal sitwazzjonijiet li kien preżenti fihom.

L-akbar preokkupazzjoni tat-Tribunal Industrijali f'dan il-każ hija s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li min-naħa tar-rikorrent ma kinitx qed tittieħed bis-serjetà u li dan kien qiegħed ipoġġi lilu nnifsu u lil terzi persuni fil-periklu meta għal aktar minn inċident wieħed wasal sabiex għamel ħsarat konsiderevoli.

It-Tribunal Industrijali wasal għall-konklużjoni li l-inċidenti li seħħu kienu riżultat ta' negligenza min-naħa tar-rikorrent u għaldaqstant it-terminazzjoni mill-impieg tiegħu kienet waħda ġusta u skont il-Liġi.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet tra min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Is-sur James H. Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja